MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 68/2006

**Vincent Calleja ghan-nom ta' A.C. Calleja Bros. Ltd.**

**Vs**

**C. Fino & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Vincent Calleja ghan-nom ta' A.C. Calleja Bros. Ltd. fit-2 ta' Marzu 2006 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà C. Fino & Sons Limited tigi ikkundannata thallas is-somma ta' elf hames mija wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,571.25), illum ekwivalenti ghal €3,660.02, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija minnu mibjugha u konsenjata lill-imsemmija socjetà kif maghha pattwit; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 11401/05, u bl-imghax legali skond il-Ligi kontra s-socjetà C. Fino & Sons Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà C.Fino & Sons Limited permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament it-talba attrici ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm1,097, illum ekwivalenti ghal €2,555.32, hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ghaddew iktar minn hames snin mid-dati tal-fatturi; (ii) it-talba ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm232.25, illum ekwivalenti ghal €540.99, hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi dan il-bilanc ta' diversi fatturi qatt ma kien dovut u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-dati tal-fatturi; u (iii) it-talba ghall-hlas tal-fatturi li jgibu n-numri 3841 u 13806 hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li dan l-ammont ma huwiex dovut;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur Vincent Calleja moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Novembru 2006[1] u tas-26 ta' Jannar 2010[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "VC1" sa' Dok. "VC4" a fol. 13 sa' 56 tal-process u a fol. 86 sa' 128 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Claudette Fenech in rapprezentanza ta' l-MFSA moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2009[3];

Rat is-sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2012[4] bis-sahha ta' liema *inter alia* l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta giet michuda;

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur nomine a fol. 150 sa' 152 tal-process u rat in-Nota Responsiva tas-socjetà konvenuta a fol. 154 sa' 158 tal-process;

---

[1] Fol. 10 sa' 12 tal-process.
[2] Fol. 82 u 83 tal-process.
[3] Fol. 77 tal-process.
[4] Fol. 140 sa' 145 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur nomine jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' Lm1,571.25, illum ekwivalenti ghal €3,660.02, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija minnu lilha mibjugha u konsenjata kif maghha pattwit. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament it-talba attrici ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm1,097, illum ekwivalenti ghal €2,555.32, hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ghaddew iktar minn hames snin mid-dati tal-fatturi; (ii) it-talba ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm232.25, illum ekwivalenti ghal €540.99, hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi dan il-bilanc ta' diversi fatturi qatt ma kien dovut u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-fatturi; u (iii) it-talba ghall-hlas tal-fatturi li jgibu n-numri 3841 u 13806 hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li dan l-ammont ma huwiex dovut; u (iv) bl-eccezzjoni ulterjuri li ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

L-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta giet trattata u michuda b'sentenza pronuncjata fil-31 ta' Jannar 2012 u ghalhekk issa jifdal li t-talba attrici tigi trattata u kkunsidrata fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjetà konvenuta fir-Risposta originali taghha.

L-attur Vincent Calleja jispjega li s-socjetà minnu rapprezentata u s-socjetà konvenuta kienu ilhom zmien twil jinnegozjaw flimkien u qatt ma kellhom problemi. Dwar il-pretensjoni attrici jghid illi *fi zmien illi s-socjetà konvenuta kienet qed tibni s-showroom gdid taghha fl-Imriehel, parti mill-fabbrika taghha giet invertita f'showroom u s-Sur Fino kien talabni sabiex nipprovdi kwantità kbira ta' saqqijiet sabiex ipoggihom fis-showroom*

*tal-fabbrika. Dawn gew ipprovduti u s-Sur Fino qalli biex il-kont taghhom naghmlu separat, halli meta jitlesta s-showroom ikun jista' jqeghdhom fil-post il-gdid. Fuq din il-bicca xoghol l-aktar persuna li kienet inkarigata kienet Ruth Fino, li hija t-tifla ta' wiehed mid-Diretturi. Sadanittant ahna komplejna nikkumercjaw u ahna nipprovdu l-merkanzija, li s-socjetà konvenuta thallas, però dan il-kont tas-saqqijiet baqa' pendenti. Kull darba illi jiena nitkellem ma xi hadd mis-socjetà konvenuta dwar dan il-kont dejjem jghidli biex nibghat l-invoices. Kull darba illi jinbidel l-Accountant, u mas-socjetà konvenuta dan kien ikun ta' spiss, dejjem irrid nerga' nibda l-istorja mill-gdid. Sakemm fl-ahhar, imbaghad kellimt lill-Avukat u dan qalli biex ninkludi dan il-kont ma' xoghol iehor pendenti illi kelli mas-socjetà konvenuta. Ahna bqajna ninnegozjaw sa' April tas-sena l-ohra. L-ahhar fattura harget f'dik id-data. Darba minnhom jiena ltqajt mas-Sur Fino u ppruvajt ngieghlu jintervjeni fuq din il-kwistjoni illi kellna, izda dan qalli li huwa Direttur biss u ma kellix x'naqsam mieghu u kelli nfittex il-kumpanija. Ghalhekk meta rajt hekk, imbaghad mort ghand l-Avukat u bdejt dawn il-proceduri*[5]. In sostenn ta' din ix-xhieda l-attur nomineipprezenta rendikont relattiv ghas-socjetà konvenuta kif ukoll diversi fatturi u *delivery notes* minn liema jirrizulta li l-ammont ta' Lm1,097, illum ekwivalenti ghal €2,555.32, jirrapprezenta l-valur tas-saqqijiet ipprovduti fis-showroom tas-socjetà konvenuta bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994[6] u l-ammont ta' Lm474.25, illum ekwivalenti ghal €1,104.71, jirrapprezenta l-valur ta' merkanzija ohra provduta lis-socjetà konvenuta fuq inkarigu taghha stess bejn l-20 ta' April 1997 u t-28 ta' April 2005[7].

Kif già iktar 'l fuq osservat is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana l-ewwel fir-rigward tas-somma ta' Lm1,097 rapprezentanti l-valur tas-saqqijiet provduti lilha ghas-

[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2006, fol. 10 sa' 12 tal-process.
[6] Rendikont a fol. 87 u 88 tal-process u dokumenti a fol. 107 sa' 128 tal-process.
[7] Rendikont a fol. 87 u 88 tal-process u dokumenti a fol. 89 sa' 105 tal-process.

showroom fl-Imriehel bejn l-1 ta’ Gunju 1988 u t-8 ta’ Novembru 1994.

L-attur nomine jirribatti din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta billi jikkontendi li r-relazzjoni kummercjali bejn is-socjetà minnu rapprezentata u s-socjetà konvenuta kienet ibbazata fuq l-*uberrimes fides* f’xulxin, li da parte tieghu huwa qatt ma naqas milli jitlob il-hlas ta’ l-ammonti dovuti, inkluz il-valur tas-saqqijiet provduti bejn l-1 ta’ Gunju 1988 u t-8 ta’ Novembru 1994, billi kien jibghat *statements* kull xahar u jigri wara s-socjetà konvenuta ghall-hlas u s-socjetà konvenuta da parte taghha qatt ma cahdet li dan l-ammont kien dovut u b’hekk tacitament kienet qed tirrikonoxxi u taccetta d-debitu bil-konsegwenza li kienet qed tinterrompi d-dekors tal-preskrizzjoni.

Fir-rigward l-attur nomine jissottometti li *l-attur qatt ma kellu dubju dwar il-hlas li kellu jsir u kellu l-fiducja li ser jithallas. Jghid verbalment hekk: “Jiena qatt ma ghamilt ittra ufficjali. Dan ghaliex kont ghadni qed ninnegozja mas-socjetà konvenuta b’mod regolari. Kull xahar nibghat ‘statement’ lis-socjetà konvenuta mill-kompjuter awtomatikament sa’ mill-1988”*. *Fil-fatt fl-‘invoice’ li baghat u giet ezebita jidhru kemm il-pendenzi dovuti lill-esponenti, kif ukoll il-pagamenti maghmula mill-konvenuta ditta. Illi d-ditta konvenuta iffaccata bit-talba gudizzjarja llum qed tinvoka il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni. Dana qatt ma ghamlitu qabel anzi jigi umilment sottomess li dejjem halliet lill-esponenti jahseb u jemmen li ser jithallas. Bizzejjed wiehed jghid illi kull xahar kienet issir it-talba ghall-hlas regolarment u kif xehed l-esponenti l-awdituri tad-ditta konvenuta kienu juru li ser ihallsu ghax qatt ma qalulu le. Meta wiehed jikkonsidra c-cirkustanzi kollha tal-kaz, specjalment id-dikjarazzjoni ta’ l-esponenti li bejn il-partijiet hemm relazzjoni ta’ negozju ta’ zmien twil u l-ebda problema. Kien biss ma’ l-azzjoni ghall-hlas li d-ditta konvenuta ghogobha tqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Jigi umilment sottomess li f’dawn ic-cirkustanzi din l-eccezzjoni ma tregix. L-imgieba tal-konvenuta ditta qabel l-azzjoni dejjem kienet ta’ gharfien tad-debitu li qatt ma gie kkontestat. Id-ditta konvenuta ggib in-numru C-2468, li*

*jfisser li hija kumpanija li ilha topera zmien twil ghax mwaqqfa ghal zmien twil kif ilha zmien twil mwaqqfa d-ditta attrici. Illi di fatti t-Torrente, Chap.76, 77, jghid illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun tacita jew espressa: "La rinuncia successive alla prescrizione … Come ogni manifestazione di volontà questa rinunzia può essere tanto espressa che tacita". Fil-kaz odjern jigi umilment sottomess illi sakemm tqajjmet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni d-ditta konvenuta kienet tacitament qed taccetta d-debitu u dejjem halliet lill-attur jahseb u jemmen li ma hemmx problemi. Ghalhekk kienet sorpriza l-eccezzjoni tal-preskizzjoni li rvinat il-fiducja reciproka tal-partijiet*[8].

Is-socjetà konvenuta tikkritika s-sottomissjonijiet avvanzati mill-attur nomine u tikkontendi li fattwalment u guridikament l-istess ma jregux in kwantu da parte taghha ma kien hemm ebda gharfien tad-debitu u konsegwentement ma jistax jitqies li interrompiet jew irrinunzjat ghall-preskrizzjoni li lahqet iddekorriet[9].

Huwa principju ormai assodat illi *l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta' estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti guridici. Dan johrog sew mil-ligi taghna ad exemplum fl-Artikoli 2107(2), 2112, 2113 u 2115(1) tal-Kodici Civili. Hu car ukoll illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hijiex wahda ta' ordni pubblika tant li hi rizervata biss, bl-operat tal-ligi, ex-Artikolu 2111 tal-Kap.16, lill-parti interessata. Fil-kaz allura li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interuzzjoni jew is-sospensjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz. Kif pacifikament stabbilit "il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita m'hijiex*

[8] Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur nomine a fol. 150 sa' 152 tal-process.
[9] Vide Nota Responsiva tas-socjetà konvenuta.

*ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha"*[10].

Fir-rigward ta' l-istitut tal-preskrizzjoni l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Montebello v. Peter Montebello et, Citaz. Nru. 2713/99** deciza fil-25 ta' Settembru 2003, osservat illi *l-aspetti legali marbuta ma' l-eccezzjoni taht ezami* [ossia l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni] *ghandu jinghad li dawn jintrabtu kemm man-nautra ta' l-eccezzjoni fiha nfisha, u kif ukoll ma' l-effikacja li trid tintwera minn min iqanqalha. Il-Qorti trid taghmel dan fl-isfond ta' verzjonijiet moghtija mill-partijiet dwar il-grajjiet li sehhew, u kif ukoll minn dawk il-fatti li ma jiddependux mill-fehma suggettiva ta' l-istess partijiet. Jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut li huwa proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u meta gudikant jigi mitlub jiddeciedi fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal ghall-fehma tieghu fuq fatti cari u mhux kongetturi*.

L-attur nomine mhux qed jikkontesta l-applikabilità ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami – la fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm1,097 u lanqas fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm232.25 – u fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma ghandhiex dubju li dan huwa t-terminu preskrittiv applikabbli in kwantu huwa evidenti li r-relazzjoni bejn is-socjetà rapprezentata mill-attur A.C. Calleja Bros. Ltd. u is-socjetà konvenuta kienet primarjament wahda ta' bejgh bl-ingrossa u l-azzjonijiet ghall-hlas relattivi huma appuntu preskritti bit-terminu ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta[11]. Kif già iktar 'l fuq osservat l-attur nomine jikkontesta d-dekors tat-terminu preskrittiv in kwantu rigwarda l-ammont ta' Lm1,097 in bazi ghall-pretensjoni li s-socjetà konvenuta maz-zmien gharfet id-dejn taghha mas-socjetà minnu rapprezentata, peress illi qatt ma cahdet li tali dejn kien dovut u ripetutament talbet kopji tal-fatturi relattivi, bil-konsegwenza li l-preskrizzjoni giet interrotta jew rinunzjata.

---

[10] Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Oil and Construction International Limited, Appell Civili Nru. 924/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

[11] Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited, Appell Civili Nru. 148/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005.

Ghalkemm mill-provi prodotti w in partikolari mill-korrispondenza esebita mill-attur nomine a fol. 51, 53, 54 u 55 tal-process, liema korrispondenza ma gietx kontestata mis-socjetà konvenuta, jirrizulta li meta l-attur nomine kien jitlob il-hlas ghas-somma ta' Lm1,097 is-socjetà konvenuta kienet titlob ghall-fatturi relattivi, b'daqshekk ma jfissirx li da parte taghha kien hemm rikonoxximent tad-dejn in kwistjoni u dana billi f'korrispondenza ohra esebita mill-istess attur nomine a fol. 49, 50, 52 u 56 tal-process l-istess socjetà jidher li baqghet ghal kollox siekta fid-dawl ta' l-interpellazzjonijiet ghall-hlas maghmula mill-attur nomine.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Grech pro et noe v. Stefan Borg, Citaz. Nru. 2165/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju 2001, *l-gharfien u l-istqarrija tal-jedd ta' l-attur, sabiex iservi bhala raguni ghall-ksur tal-preskrizzjoni, trid tkun cara u mhux mahsuba jew implikata minn kliem jew ghemejjel vagi [ara sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' April 1976 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis]* u kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick, Appell Civili Nru. 544/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005 *ir-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts. Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att. Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontro-parti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi*

*mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni". (Kollez. Vol. XXX pI p989). Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII pIII p723).*

Meta tigi ezaminata l-imsemmija korrispondenza fid-dawl tal-principji guridici appena citati jirrizulta b'mod car li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur nomine mill-istess ma jirrizulta ebda rikonoxximent tad-dejn ammontanti ghal Lm1,097 da parte tas-socjetà konvenuta, anzi piuttost il-kuntrarju. Is-skiet tas-socjetà konvenuta ghall-interpellazzjonijiet ghall-hlas da parte ta' l-attur nomine wkoll ma jistax jitqies bhala rikonoxximent tad-dejn kif minnu pretiz. Huwa veru li s-socjetà konvenuta baqghet siekta izda l-fatt li ma qalet xejn ghat-talba ghall-hlas ma jfissirx b'daqshekk li kienet qed taghraf id-dejn. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Tabone qabel Stellini v. Silvio Vassallo pro et noe, Appell Civili 618/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 *fejn debitur ma jichadx id-dejn, imma semplicement jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur* – haga li s-socjetà konvenuta ma ghamlitx – *id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri (Anthony Fenech et noe v. John Saliba, Qorti Kummerc, 21 ta' April 1971; Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo et noe, Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (Alfredo Borg v. Carmelo Bricat et, Appell Civili, 5 ta' Gunju 1959).*

Ghalkemm is-sottomissjoni ta' l-attur nomine li s-socjetà konvenuta rrikonoxxiet id-dejn ta' Lm1,097 favur is-socjetà A.C. Calleha Bros. Ltd. ma tregix in kwantu mhux sodisfacentement ippruvata, b'daqshekk ma jfissirx li din il-Qorti ghandha b'mod awtomatiku tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta fir-rigward

tas-somma mitluba ta' Lm1,097 rapprezentanti l-valur ta' saqqijiet provduti lis-socjetà konvenuta bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994 u dana billi mill-provi prodotti jirrizulta element sinjifikattiv li serjament jimpingi fuq is-success ta' din l-eccezzjoni.

Mill-provi prodotti mill-attur nomine fir-rigward tal-konsenji provduti lis-socjetà konvenuta fil-perijodu bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994 ghall-valur komplessiv ta' Lm1,097, jirrizulta li l-istess konsenji kienu *on consignment basis* u mhux semplici bejgh bhal fil-kaz tal-konsenji l-ohra wkoll mertu ta' dawn il-proceduri. Mill-fattura u *delivery note* relattivi ghall-ewwel konsenja effettwata fl-1 ta' Gunju 1988, liema konsenja kienet ghall-valur komplessiv ta' Lm444, jirrizulta b'mod car li l-istess konsenja kienet *on consignment basis*[12]. Ghalkemm il-fatturi l-ohra ma jindikaw xejn dwar in-natura tal-konsenji, fl-ittra li l-attur nomine baghat lis-socjetà konvenuta fil-11 ta' Dicembru 1995 huwa jghid car u tond li *we have adjusted our account to correspond with your records. Kindly note that the goods on consignment account is as follows…* u elenka l-fatturi kollha li kienu *on consignment basis* u li komplessivament jammontaw ghal Lm1,097[13]. Peress illi din id-dokumentazzjoni ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjetà konvenuta ma hemm ebda raguni valida ghalfejn il-Qorti ma ghandhiex tqis il-konsenji ta' diversi saqqijiet lis-socjetà konvenuta da parte tas-socjetà A.C. Calleja Bros. Ltd. bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994, bhala konsenji *on consignment*.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm maz-zmien l-attur nomine dahhal l-ammont ta' Lm1,097 flimkien ma' kont iehor li s-socjetà konvenuta kellha mas-socjetà A.C. Calleja Bros. Ltd. relattiv ghal konsenji ohra ta' merkanzija li ma jidhirx li saru *on consignment basis,* in-natura tal-konsenji komplessivament ammontanti ghal Lm1,097 ma nbidlitx ghar-raguni li din kienet decizjoni unilaterali ta' l-attur nomine li fi kwalunkwe kaz jidher li ma gietx accettata jew rikonoxxuta mis-socjetà konvenuta. B'hekk zgur li ma jistax jinghad li kien hemm novazzjoni ta' l-

[12] Fol. 107 sa' 111 tal-process.
[13] Fol. 106 tal-process.

obbligu u b'hekk bidla fin-natura guridika tal-konsenji effettwati bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994.

Huwa principju assodat in materja ta' preskrizzjoni li *l-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni. Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik il-merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss min-natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma' dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha. Il-parti li tircevi l-merkanzija "on consignment" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma tistax tippreskrivi favur taghha in kwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor. Tali persuna izda tista' tippreskrivi jekk it-titolu taghha jitbiddel "minhabba raguni li tkun gejja minn terza persuna". Dan ifisser li kemm-il darba jsir il-bejgh tal-merkanzija "on consignment" il-parti li tkun irceviet il-merkanzija b'dan it-titolu tista' tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni* ***kemm-il darba jkun ghadda il-perijodu preskrittiv mehtieg bejn id-data tal-bejgh lill-terza persuna li tkun allura holqot l-obbligu tal-hlas mill-"consignee" lill-principal*. *Isegwi li din l-eccezzjoni tista' biss tkun sollevabbli kemm-il darba ssir il-prova mill-"consignee" li huwa ittrasferixxa l-merkanzija lil terzi persuni*** [14]*.*

Fil-kaz in ezami s-socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar jekk u meta dawn id-diversi saqqijiet konsenjati lilha mis-socjetà A.C. Calleja Bros. Ltd. bejn l-1 ta' Gunju 1988 u t-8 ta' Novembru 1994 gew mibjugha lil terzi u b'hekk skatta l-obbligu tal-hlas u mieghu d-dekors tat-terminu preskrittiv relattiv. Fin-nuqqas ta' tali prova, liema prova kien jispetta lis-socjetà konvenuta li tressaqha stante li l-oneru tal-prova tad-dekors tat-terminu preskrittiv jinkombi fuqha, il-Qorti tinsab fl-impossibilità li tistabilixxi minn meta beda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni

---

[14] Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies & Catering Co. Ltd., Appell Civili Nru.1162/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 2005. Enfasi ta' din il-Qorti.

relattiv u konsegwentement ghandha tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta’ l-ammont mitlub u pretiz mill-attur nomine ta’ Lm1,097. Din il-konsiderazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **John Bugeja v. Joseph Gauci, Citaz. Nru. 1603/01** deciza fit-28 ta’ Novembru 2002, fejn inghad li *ghall-finijiet ta’ l-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda jiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x’jahseb l-imgarrab, u li certament in-nuqqas ta’ gharfien tal-ligi m’huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel.* ***Illi marbut ma’ dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f’kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni***[15].

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk isegwi li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta ma tirrizultax gustifikata u b’hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Bit-tieni eccezzjoni taghha s-socjetà konvenuta tikkontendi li t-talba ghall-hlas ta’ diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm232.25, illum ekwivalenti ghal €540.99, hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi dan il-bilanc ta’ diversi fatturi qatt ma kien dovut u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-dati tal-fatturi. Is-socjetà konvenuta ma tindikax liema huma dawk il-fatturi komplessivament ammontanti ghal Lm232.25 li skontha ma humiex dovuti u li fi kwalunkwe kaz it-talba ghall-hlas taghhom hija preskritta bid-dekors ta’ hames snin, izda mir-rendikont esebit mill-attur nomine a fol. 87 u 88 tal-process il-Qorti tikkonkludi li dawn huma l-fatturi bin-Numri 2298, 5471 u 5633 ghall-valur ta’ Lm63.25, Lm95 u Lm74 rispettivament u datati 20 ta’ April 1997, 13 ta’ Marzu 1998 u l-1 ta’ April 1998. Dana l-fatt jirrizulta wkoll minn notament li hemm fuq id-dokument Dok. “VC1” a fol. 13 tal-process.

---

[15] Enfasi ta’ din il-Qorti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà rapprezentata mill-attur kienet ilha numru konsiderevoli ta' snin tforni lis-socjetà konvenuta b'merkanzija b'din ta' l-ahhar thallas minn zmien ghal zmien. Dana johrog car kemm mix-xhieda li ta l-attur nomine waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2006[16] fejn iddikjara li *sadanittant ahna komplejna nikkumercjaw u ahna nipprovdu l-merkanzija, li s-socjetà konvenuta thallas*, kif ukoll mid-diversi dokumenti minnu esebiti. Fil-fehma tal-Qorti fir-rigward tal-provvista ta' din il-merkanzija bejn is-socjetà A.C Calleja Bros. Ltd. u s-socjetà konvenuta kien hemm kont miftuh fejn is-socjetà A.C. Calleja Bros. Ltd. tforni lis-socjetà konvenuta b'dak mehtieg u din ta' l-ahhar thallas wara certu ammont ta' zmien. Dana jfisser ghalhekk illi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' kull konsenja kien jiddekorri mid-data meta l-ammont relattiv isir dovut, li f'dan il-kaz tirrizulta li hi d-data tal-fatturi rispettivi.

Mir-rendikont esebit mill-attur nomine a fol. 87 tal-process jirrizulta li matul iz-zmien is-socjetà konvenuta effettwat diversi hlasijiet lis-socjetà A.C. Calleja Bors. Ltd. ghall-konsenji effettwati u dawn kienu: hlas tas-somma ta' Lm189 effettwat f'Ottubru 1999 li kien jirreferi ghall-fattura bin-numru 8577 datata 1 ta' April 1999 ghall-istess imsemmi valur, hlas iehor ta' Lm50 effettwat f'Jannar 2000 ghal fattura bin-numru 9865 datata Ottubru 1999 ghall-istess valur, hlas iehor ta' Lm78 effettwat f'Lulju 2000 ghal fatturi bin-numri 877 u 1010 datati entrambe datati April 2000 ghall-valur ta' Lm11 u Lm67 rispettivament, u hlas iehor ta' Lm309.99 effettwat f'Ottubru 2001 li kien hlas akkont ta' numru ta' fatturi mahruga bejn Jannar 2001 u Gunju 2001 li komplessivament kienu jammontaw ghal Lm356[17]. Minn dan ir-rendikont jirrizulta ghalhekk li sa' mid-data tal-hrug tal-fatturi komplessivament ammontatni ghal Lm232.25 is-socjetà konvenuta ma effettwat ebda hlas versu dawn il-fatturi u mix-xhieda ta' l-attur nomine jirrizulta li s-socjetà minnu rapprezentata qatt ma interpellat giudizzjarjament lill-istess socjetà konvenuta ghall-hlas ta' dan l-ammont.

[16] Fol. 10 sa' 12 tal-process.
[17] Fatturi bin-numri 3013, 3630, 3653, 3685, 3841 u 3957.

Jidher car ghalhekk li t-terminu preskrittiv ta' hames snin relattiv ghal dawn il-fatturi komplessivament ammontanti ghal Lm232.25 lahaq iddekorra sad-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri fl-2006 u dan it-terminu, kif già iktar 'l fuq osservat fir-rigward tas-sottomissjonijiet ta' l-attur nomine dwar l-allegat rikonoxximent tad-dejn u konsegwenti interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni da parte tas-socjetà konvenuta, ma gie bl-ebda mod interott da parte ta' l-attur nomine jew rinunzjat da parte tas-socjetà konvenuta.

Ghaldaqstant jirrizulta li kif eccepit mis-socjetà konvenuta, it-talba attrici in kwantu rigwarda l-hlas ta' l-ammont ta' Lm232.25, illum ekwivalenti ghal €540.99, hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici b'eccezzjoni ohra u cioè li t-talba ghall-hlas tal-fatturi bin-numru 3841 u 13806 hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li dan l-ammont ma huwiex dovut.

Mid-dokumenti esebiti mill-attur nomine jirrizulta li l-fattura bin-numru 3841 ghall-valur ta' Lm46, a fol. 44 tal-process, inharget mis-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd., li hija is-socjetà hawn rapprezentata mill-attur, versu s-socjetà konvenuta bhala klijent u l-konsenja saret lis-socjetà konvenuta skond kif jirrizulta mid-*delivery note* relattiva esebita a fol. 45 tal-process. Dawn iz-zewg dokumenti ma gew bl-ebda mod kontradetti jew kontrastati mis-socjetà konvenuta u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem fuq liema bazi l-istess imsemmija socjetà tippretendi li l-import tal-fattura bin-numru 3841 ma huwiex minnha dovut lill-attur nomine.

In kwantu rigwarda l-fattura bin-nurmu 13806 ghall-valur ta' Lm58, a fol. 38 tal-process, jirrizulta li din ukoll inharget mis-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. versu s-socjetà konvenuta bhala klijent izda taghmel referenza ghall-*purchase order* esebita a fol. 39 tal-process fejn jirrizulta li s-*supplier* tas-saqqu in kwistjoni kienet id-ditta Kelly Industries. Fir-rigward l-attur nomine spjega illi *n-negozju*

*tal-familja tieghi li jiena inmexxi ma' huti huwa AC Calleja Brothers Limited. Jiena ghandi negozju tieghi personali li nmexxih wahdi u huwa maghruf bhala Kelly Industries Limited. Nikkoregi ruhi. Din mhix Kelly Industries Limited izda huwa trade name Kelly Industries. Jiena rrid nghid li AC Calleja Brothers Limited u Kelly Industries ma jaghmlux l-istess tip ta' negozju, izda negozju parallel fis-sens illi s-saqqijiet li johorgu minn fuq AC Calleja Brothers Limited però certa tip ta' sodod ingibhom jiena taht it-tradename Kelly Industries*[18]. Minn din ix-xhieda, li ma giet bl-ebda mod kontradetta jew kontrastata mis-socjetà konvenuta, jirrizulta li fil-kuntest tan-negozju bejn is-socjetà A.C. Calleja Brothers Limited u s-socjetà konvenuta certa sodod/saqqijiet kienu jigu provduti minn Kelly Industries, izda b'daqshekk ma jfissirx li fir-rigward ta' dik il-fornitura partikolari ma kienx hemm relazzjoni kummercjali bejn A.C. Calleja Brothers Limited u s-socjetà konvenuta, kif issa pretiz mill-istess socjetà konvenuta.

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk il-Qorti tqis li t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta hija ghal kollox bla bazi u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta u tiddikjara li t-talba attrici in kwantu tirreferi ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm232.25, illum ekwivalenti ghal €540.99, hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta; u
3. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' Lm1,339, illum ekwivalenti ghal €3,119.03, u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' €3,119.03, bl-imghax legali dekoribbli mit-2 ta' Marzu 2006, id-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri, sad-data ta' l-effettiv pagament.

---

[18] Xhieda moghtija mill-attur nomine waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 a fol. 82 u 83 tal-process.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 11401/05, ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------